MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2151/2000/1

**Paul Farrugia, f'ismu *proprio* kif ukoll bhala kuratur *ad litem* ta' uliedu minuri Peter u Andrew ahwa Farrugia**

**-vs-**

**Josephine Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-kontendenti zzewgu f'Malta fit-12 t'Ottubru, 1985;

Premess illi l-konvenuta abbandunat lill-attur, u rrendiet ruhha hatja lejn l-attur ta' adulterju, mohqrija, eccessi u ingurja, b'mod li rrendiet l-hajja konjugali ta' bejniethom impossibbli;

Premess illi l-hajja matrimonjali bejn l-attur u l-konvenuta tkissret irrimedjabilment ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta;

Premess illi l-konvenuta hija dik il-parti li hija responsabbli ghall-firda bejn il-kontendenti;

Premess illi miz-zwieg ta' l-attur u l-konvenuta twieldu Peter fl-1986 u Andrew fl-1989;

Premess illi jkun fl-ahjar interess ta' ulied il-kontendenti li l-kura u l-kustodja taghhom tigi fdata f'idejn l-attur;

Premess illi l-attur qed jokkupa bhala d-dar konjugali 77, Kent Street, Fgura wara li l-konvenuta ghazlet li titlaq mill-istess dar sabiex tikkoabita ma' ragel iehor;

Premess illi l-attur ottjena l-awtorizzazzjoni mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex jistitwixxi din il-kawza;

Talab ghalhekk l-attur *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi, sabiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-attur u l-konvenuta;

2. Tiddikjara li l-konvenuta tahti ghas-separazzjoni personali u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, jekk hemm bzonn, tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda;

3. Tafda f'idejn l-attur il-kura u l-kustodja ta' l-imsemmija Peter u Andrew;

4. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lil uliedha Peter u Andrew dik ir-retta alimentari li tigi stabbilita minn dina l-Qorti bil-modalita ta' hin, lok u jum ta' hlas li dina l-Qorti tistabilixxi;

5. Tapplika kontra l-konvenuta, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 48 u sussidjarjament ta’ l-artikolu 50 tal-Kodici Civili;

6. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

7. Tillikwida l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti skond il-ligi u taqsamha f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, *inter alia* tal-htija da parti tal-konvenuta li wasslet ghas-separazzjoni personali u tal-hames talba ta’ l-attur, okkorrendo tad-data ta’ l-akkwisti tad-diversi oggetti u beneficcji konferiti lill-komunjoni ta’ l-akkwisti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn dina l-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda b’tali mod illi jekk ikun il-kaz il-konvenuta titlef kull jedd li ghandha ghall-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru bil-hila ta’ l-attur;

8. Tassenja dawn iz-zewg porzjonijiet wahda lill-attur (li fiha jkun hemm il-fond 77, Kent Street, Fgura) u l-ohra lill-konvenuta okkorrendo bin-nomina ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma u nomina ta’ nutar biex jippublika l-atti opportuni u nomina ta’ kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

9. Tordna illi l-attur ikollu d-dritt eskluziv illi jirrisjedi fid-dar konjugali, cioe` 77 Kent Street, Fgura;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tas-Sekond’ Awla kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li fiha hija eccepiet:-

1. Illi in linea preliminari, in-nullita` tac-citazzjoni fir-rigward ta' l-attur kif indika lilu nnifsu "kif ukoll bhala kuratur *ad litem* ta' uliedu minuri Peter u Andrew ahwa Farrugia" billi minn imkien ma jirrizulta li hemm xi awtorizzazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti kif ippreseduta f'din il-kawza odjerna li Paul Farrugia jahtar lilu nnifsu kuratur *ad litem* ta' uliedu minuri Peter u Andrew ahwa Farrugia;

2. Illi preliminarjarment ukoll, ghandha ssir referenza ghac-citazzjoni numru 2625/99 - NVA, fl-ismijiet "Farrugia Josephine mart Paul, minnu *de facto'* isseparata mill-10 ta' Jannar, 1998, bint il-mejjet Joseph Bugeja, f'isimha propju u ghan-nom u in rapprezentanza bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Peter (d.o.b: 05.11.86) u Andrew (d.o.b: 14.11.89): "Kendal" Flat 2 Triq l-Granmastri, Marsascala: ZBR 09 – versus - Farrugia Paul, iben Michael, I. D. Nru 257752(M): 77, Kent Street, Fgura; PLA 16, Tel No. 690220", li giet intavolata nhar l-Erbgha, 1 ta' Dicembru, 1999, u li prezenzjalment tinsab differita ghas-sentenza in parte ghall-nhar l-Gimgha, 16 ta' Frar, 2001 Awla 16 fid-9:00 a.m. quddiem din il-Qorti (Qorti tal-Familja) kif attwalment ippreseduta, u fejn l-eccepjenti qeghda umilment titlob lil din il-Qorti li dawn iz-zewg kawzi ghandhom jimxu ma' xulxin (kontestwalment), biex b'hekk l-istess eccepjenti tevita lil din l-Onorabbli Qorti repetizzjoni ta' fatti u aspetti legali li hija diga' ndikat fil-kawza ghall-firda legali u talbiet konnessi li hija ghamlet quddiem din il-Qorti kif ippreseduta, u skond id-dettalji li ghadhom kif inghataw;

3. Illi l-eccipjenti tirribatti bhala kategorikament legalment u fattwalment infondati t-tieni, it-tielet u r-raba' premessa attrici, filwaqt li tikkonferma l-ewwel u l-hames premessa attrici u ghal dana l-objettiv hija tirreferi ghal dak li diga brevement tenniet fic-citazzjoni taghha numru 2625/99 li giet intavolata nhar l-ewwel ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (01.12.1999) ossia kwazi ghaxar (10) xhur qabel ic-citazzjoni ntavolata mill-attur odjern;

4. Illi in linea preliminari ukoll in-nullita` tac-citazzjoni odjerna peress li ma huwiex minnu dak li l-attur ippremetta fit-tmien (8) premessa tieghu stante li l-awtorizzazzjoni mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ma tirrizulta minn imkien bhala dokument ma' din ic-citazzjoni odjerna u l-verita hija li mhux minnu li l-attur ottjena l-awtorizzazzjoni mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex jistitwixxi din il-kawza jew jekk kien il-kaz, din ma gietx prorogata u ghalhekk kienet skaduta, u kwindi din ic-citazzjoni saret bi vjolazzjoni ta' artikolu 37 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u artikli ohra u kwindi n-nullita l-invalidita u l-ineffettivita ta' din ic-citazzjoni bhala eccezzjoni ohra in linea preliminari;

5. Illi fir-rigward tas-sitt (6) u s-seba' (7) premessi attrici, dawn ukoll huma kkontestati, stante li l-attur mhuwiex kapaci li jiehu hsieb l-ulied minuri ta' bejn il-kontendenti Farrugia, kif ampjament jigi elaborat fil-mori ta' din il-kawza; u ma huwa minnu xejn dak premess mill-attur fis-seba' (7) premessa tieghu, peress li l-konvenuta, ossia' l-eccepjenti odjerna, kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali minhabba l-vjolenza u l-insopportabilita` ta' karattru krudili u mazokist ta' l-attur, u kwindi l-konvenuta Josephine Farrugia, l-eccepjenti odjerna, qed tirrizerva d-dritt taghha li tirritorna lura fid-dar konjugali, f'numru 77, Kent Street, gewwa l-Fgura;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fuq diga ndikati l-eccepjenti taqbel ma' l-ewwel (1) talba attrici, izda tirribatti t-tieni (2) talba attrici peress li kien l-istess attur li kien ir-responsabilita' unika tat-tifrik ta' dan iz-zwieg b'mod illi l-hajja konjugali saret impossibbli u llum <u>definittivament</u> ma hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni;

7. Illi l-eccipjenti tirribatti it-tielet (3) u r-raba' (4) talba attrici peress illi gja ghal numru ta' snin Andrew Farrugia ilu effettivament jirrizjedi u joqghod ma' l-istess eccepjenti, u a spejjez ta' l-istess eccepjenti, u ghaldaqstant l-attur ghandu mhux biss ma jinghatax il-kura u l-kustodja ta' uliedu minuri, li llum anke fid-dawl tal-ligi huma gja' kbar bizzejjed li jistghu jaghmlu d-decizjoni taghhom, imma l-istess attur ghandu jigi ordnat jivversa lill-eccepjenti u lill-

uliedha minuri Peter u Andrew dik ir-retta alimentari li tigi stabbilita` minn din l-Onorabbli Qorti bil-modalita` ta' hin, lok u jum ta' hlas li din l-istess Wisq Onorabbli Qorti tistabbilixxi;

8. Illi fir-rigward tal-hames (5) u sitt (6) talbiet attrici, l-eccepjenti tirribatti t-talba numru hamsa (5) fis-sens illi ghandu jkun l-istess attur li kontra tieghu jigu applikati s-sanzzjonijiet ta' l-artikolu 48, bis-sub-artikli u s-subincizi ta' l-istess artikolu, u artikoli ohra relatati, stante li kif tipprova l-eccepjenti fil-mori tal-kawza, u anke fid-dawl tac-citazzjoni taghha numru 2625/99, kien effettivament l-istess attur hati tat-tifrik ta' dan iz-zwieg; filwaqt li fir-rigward tas-sitt (6) talba attrici l-istess eccepjenti taqbel li ghandha tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti konjugi Farrugia, fis-sens illi l-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 a favur l-eccepjenti, ghandha tiffavorixxi lill-istess eccepjenti fil-konfront ta' l-attur odjern;

9. Illi l-eccepjenti b'referenza ghas-seba' (7), it-tmienja (8), u d-disa' (9) talbiet attrici, titlob li dawn jigu respinti minn din l-Onorabbli Qorti b'referenza ghal dak li hija diga` tenniet u tfisser ahjar fil-mori tal-kawza fic-citazzjoni numru 2625/99, apparti mill-fatt illi fuq l-istess vina ta' l-eccezzjonijiet ta' Farrugia Paul fic-citazzjoni numru 2625/99, hemm in-nullita` tac-citazzjoni peress illi t-talba numru seba' (7) u t-talba numru tmienja (8) skond l-istess attur f'din il-kawza odjerna u a bazi ta' dak li eccepixxa fic-citazzjoni numru 2625/99, ma jikkonformawx mal-Kodici tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u allura dak illi *mutatis mutandis* jissottometti l-attur bhala eccepjenti fic-citazzjoni numru 2625/99 l-eccepjenti odjerna tiehu l-liberta' li tissottometti l-istess eccezzjoni f'din il-kawza odjerna, altrimenti u minghajr pregudizzju, dawn it-tliet talbiet ghandhom ukoll jigu respinti bl-ispejjez kollha dejjem kontra l-attur;

10. Illi ghaldaqstant, l-eccepjenti m'ghandha tbati ebda forma ta' spejjez, tirreferi ghal darb'ohra lil din l-Onorabbli Qorti ghac-citazzjoni numru 2625/99 - NVA li tinsab differita ghas-sittax ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed (16.02.2001), ghas-sentenza in parte, filwaqt li terga

tirritjena li l-attur odjern mghandux l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili skond il-Ligi biex huwa jkun jista' jipprocedi f'din il-Qorti fil-kamp kontenzjuz, raguni ohra ghala din ic-citazzjoni ghandha tigi dikjarata nulla, invalida u inettettiva skond il-ligi;

11. Illi in linea preliminari wkoll, in-nullita ta' din ic-citazzjoni billi d-Dikjarazzjoni Guramentata ta' l-attur ma hijiex nkonformita ghall-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-mod kif ghandhom isiru d-Dikjarazzjonijiet Guramentati billi din is-suppost Dikjarazzjoni Guramentata ma hija xejn ghajr *'ritornello'* tal-premessi ta' l-attur f'din ic-citazzjoni odjerna, u ghaldaqstant in-nullita` l-invalidita u l-ineffettivita ta' din ic-citazzjoni odjerna;

12. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Kwantu ghall-eccezzjoni preliminari tan-nullita` tac-citazzjoni sollevata mill-konvenuta ghal motiv illi l-attur ma seta' qatt jindika lilu nnifsu bhala kuratur *ad litem* ta' uliedu gjaladarba ma giex awtorizzat ghal daqshekk mill-Qorti, qed issir referenza ghad-decizjoni tal-lum stess fuq dan il-punt fil-kawza fl-ismijiet inversi "Josephine Farrugia pro et noe –vs- Paul Farrugia", (Citaz. Numru 2625/99) u fejn ukoll giet ventilata eccezzjoni simili ghal dik *de qua dicimus*. Effettivament dawn iz-zewg kawzi mexjin flimkien skond ma jinghad ukoll fil-verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar 2001 (fol. 36 tal-process);

Ghall-istess konsiderazzjonijiet dedotti minn dina l-Qorti fil-kawza l-ohra, u li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis*

ghal kaz *de quo*, l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta qed tigi michuda;

B’danakollu din il-Qorti mhix sejra ghalissa tipprovdi bl-istess mod kif ghamlet fil-kawza l-ohra. Dan kemm ghar-raguni ta’ proprjeta` procedurali billi mhux sewwa li z-zewg genituri jinghataw kontemporanjament il-fakolta li jigu nominati kuraturi *ad litem* ta’ l-istess ulied minuri, anke jekk f’kawzi separati;

In aggunta, hemm ukoll dawn l-aspetti marginali:-

(I) l-ulied minuri jinsabu fil-kura u l-kustodja ta’ ommhom u ghalhekk huwa xieraq li ghalissa, u f’dan l-istadju, tkun hi li tigi mahtura kuratrici biex tirrapprezentahom fil-proceduri;

(II) il-procedura tas-separazzjoni mill-konvenuta fil-kawza l-ohra giet inizzjata qabel dik introdotta mill-attur permezz ta’ l-istanza prezenti.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta, u thalli l-kawza ghal kontinwazzjoni u trattazzjoni fuq l-eccezzjonijiet l-ohra u fil-meritu.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghal gudizzju finali.

(ft) Philip Sciberras

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

___________________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur